MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Numru. 100/1999
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**(Spt. Antonello Grech)**

**- vs -**

**Dorothy Refalo**

**Il-Qorti**, Rat l-akkuzi  migjuba kontra Dorothy Refalo, bint Peter, imwielda Victoria u toqghod Sannat Karta tal-Identita' numru 2872 (G), kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

Nakkuzawk talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellek fil-pussess tieghek d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza  u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija w meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga fil-pussess tieghek u li nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi skur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN/292/1939) kif sussegwentement ammendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar tallli liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghek;

U nakkuzawk ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellek fil-pussess tieghek d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Tqsima tal-Ordinanza  u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija w meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga fil-pussess tieghek u li nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi skur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN/292/1939) kif sussegwentement ammendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 22tal-Kap 101 sabiex l-imputata titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex twiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra taghha ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess-Ordinanza [Kap 101];

Semghet il-provi bil-gurament:

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-22 ta’ Dicembru 1999 u l-jiem ta’ qabel kienet qed issir sorveljanza dwar possibilita’ ta’ traffikar ta’ droga fl-inhawi ta’ Sannat. Fit-22 ta’ Dicembru hames membri tal-Korp tal-Pulizija flimkien ma zewg units ohra kienu qieghed fuq il-post meta lemhu vettura misjuqa mill-imputata. Il-Pulizija segwew din il-vettura u meta waqqfuha saritilha tfittxija kienu elevati hdax-il pakkett f’borza tal-plastic u pakkett iehor taht it-tapit fejn is-seat tas-sewwieq. Aktar tard volontarjament offriet li tikxef kollox mal-Pulizija u harget zewg pakketti u zewg sachets minn fuq il-persuna taghha. Informat lill-Pulizija ukoll li kien ghad fadlilha xi ftat aktar qratas fid-dar taghha u dawn kienu elevati ukoll. B’kollox kienu elevati 15-il qartas u borza zghira bi trab kannella u zewgt iqratas bi trab abjad. Minn ezamijiet forensici kien stabilit illi l-pakketti elevati kienu jikkontjenu 3.387 gramma Herojina u 0.487 gramma Kokajina. Meta l-Pulizija intercettat lill-imputata kienet esklamat li kienet iddejqet minn din it-tip ta’ hajja u ghalhekk iddecidiet tghin kemm jista’ jkun.

Fi stqarrija li rrilaxjat lill-Pulizija l-akkuzata qalet li l-pakketti tal-Erojina kienu destinati ghal-persuna li kellha tiltqagha maghha bil-prezz ta’ ghoxrin lira kull pakkett fl-ammont ta’ mitejn u ghoxrin lira. Hija stqarret li qatt ma bieghet Kokajina u din kienet ghall-uzu taghha kif ukoll qalet minghand min xtrat id-droga u li kienet ukoll dipendenti fuqha.

L-imputata xehed illi gieli partet droga mal-persuna li kellha tiltaqgha maghha fil-gurnata li kienet intercettata. Spjegat kif gieli kien itiha d-droga hu u gieli tatu hi bi tpartit skond min ikollu fuqu dakinhar.

Il-Prosekuzzjoni ikkonfermat illi l-impuat ikkolloborat b’mod posittiv biex tghinhom f’aktar indagini.

Ikkunsidrat illi minn dak li semghet il-Qorti ma hemmx dubju li l-prosekkuzjoni ippruvat il-kaz taghha u del resto ikkonfermat ukoll mix-xhieda volontarja tal-imputata stess.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Wara li rat ir-Regolament 8 tal-G.N.292 tal-1939 u l-artikoli tat-taqsima 4 u 6 tal-Kap 101;

Wara li rat l-fedina penali tal-imputata li tinkorpora zewg kontrvvenzjonijiet;

Wara li semghet lix-xhieda mressqa mill-imputata li qalu li hija kkonkludiet b’success kors ghar-riabiltazzjoni izda ghad jonqosha kura addizzjonali;

Wara li rat illi l-prosekuzzjoni ddikkjarat illi l-informazzjoni fornita mill-imputata kienet ta’ ghajnuna fl-indagini taghha;

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101, tikkundanna lill-akkuzata ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sittin jum mil-lum u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jipprovdi kull mezz ghal-kura addizjonali li jehtigilha;

Inoltre tikkundanna lill-imputata ghal-hlas ta’ l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta’ l-esperti ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 u tordna id-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebiti taht is-supervizzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------